MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 557/2005

**Mobisle Communications Limited**
**vs**

**Raymond Cini**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta` Frar, 2005, in forza ta` liema gie mitlub li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta` sitt mija u hamsa u tlettin lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm635.29), rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` client contract number 1000347, in konnessjoni ma` servizzi rezi ghax xhud bejn Mejju, 2004 u Awissu, 2004.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghal istess talba.

Sema` ix-xhieda tal-PL Peter Sammut li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub kien ghadu dovut sal-gurnata ta` llum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta` u jiddeciedi l-kaz billi jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` sitt mija u hamsa u tlettin lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm635.29), bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data ta` l-ittra ufficjali tas-7 ta` Jannar, 2005 u bl-ispejjes kollha kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------